# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 24 ta' Jannar, 2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Joseph Mary Difesa u**

**Raymond Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif emendati b'digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' Dicembru 2006 - migjuba kontra:

Joseph Mary Difesa ta' 54 sena bin Joseph u Mary nee' Farrugia imwieled Valletta fil-21 ta' Settembru 1951 u joqghod 'Villa Difesa', Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq limiti Naxxar detentur tal-karta ta' l-identita' numru 723051(M)
U
Raymond Sultana ta' 23 sena bin Angelo u Giovanna nee' Ciantar imwieled Pieta' fil-21 ta' Marzu 1983 u joqghod 55, Triq il-Parrocca, Luqa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 177783(M)

Akkuzati:

Talli fit-12 ta' Mejju 2006 fil-Belt Valletta ffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamlu uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu tali merkanzija, jew xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' numru ta' DVDs u DVD sleeves, ai termini ta' l-artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod iehor irriproducew jew ikkuppjaw, jew bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil- jew taht il-ligi ta' Malta, ai termini ta' l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Joseph Difesa wahdu gie akkuzat ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 04.02.2002 u 10.12.2003 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-proceduri kontra l-imputati jigu trattati bil-procedura sommarja, u rat li l-imputati iddikjaraw li ma kellhom l-ebda oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu hekk trattati u decizi.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fit-12 ta' Mejju 2006 – li kienet gurnata fost il-gimgha - WPC 249 Maruska Debattista u PS 839 Stephen Micallef, mit-Taqsima kontra l-Frodi tal-Pulizija marru ghamlu spezzjoni fuq il-monti fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta.
2. Kif waslu fuq il-monti, raw persuna – li eventwalment irrizulta li kien Joseph Ebejer – tavvicina dak li huma jsejjhu it-tilar jew stall tal-imputat Joseph Difesa. Dan il-persuna ta borza kannella lil certu Alan Debattista li kien wara dan l-istall.
3. PS 839 Micallef waqqaf lil Ebejer u staqsieh x'kien qed jaghmel, u dan qalilhom li hu ta din il-borza lil Alan Debattista ghaliex il-Hadd ta' qabel kien xtara sett ta' sitt (6) DVD's minn dak l-istall, u ma hadmulhux u tahomlu biex jerga' jaghtih kopja ohra u jbiddilhom.
4. Il-Pulizija hadu dawn is-sitt (6) DVD's kif ukoll 4 archleaver files li kien fihom ritratti u photocopies ta' DVD's.
5. WPC 249 Maruska Debattista xehdet li dak il-hin l-imputat Difesa kien hdejn it-tilar ezatt, u li wara t-tilar kien hemm Alan Debattista u t-tifla tal-imputat Difesa, u li Ebejer kien qed jitkellem ma' Debattista.
6. PS 839 xehed li waqt li hu kien qed ikellem lil Ebejer u lil Debattista, l-imputat Difesa hareg minn wara t-tilar, pero ma ftakarx mil-liema naha.
7. Mill-vettura Peugeot li PS 839 Micallef qal li kienet tal-imputat Difesa, il-Pulizija elevaw tlett DVD's ohra mohbija got-tapezzerija tal-bieba tan-naha tal-passiggier.
8. Ghalkemm l-ebda Pulizija ma ngab bhala xhud fir-rigward, l-Ufficjal Prosekutur esebixxa ricevuta li skond ma setghet tiddecifra din il-Qorti – giet rilaxxata minn PC 290 Paul Formosa fl-14 ta' Mejju 2006, fejn qed jinghad li gie maqbud minghand l-imputat Sultana *"1 black lever arch file containing 54 play station 2 inlays."*[1]

[1] Ara Dok MC 6 a fol. 32 tal-process.

*Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputati u ta' dak kollu li qalu waqt l-interrogatorju*

Din il-Qorti hija obbligata li tikkonsidra li tiskarta l-istqarrija tal-imputat Sultana, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Fir-rigward tal-istqarrija tal-imputat Difesa, dan l-imputat sarulu mistoqsijiet fuq il-kontenut tal-istarrija rilaxxata minnu in kontro-ezami, fejn kien assistit mill-avukat difensur tieghu, u ma giet sollevata l-ebda oggezzjoni dwar l-ammissibilita tal-istqarrija tieghu. Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti hija tal-opinjoni li hija m'ghandhix tiskarta l-istqarrija tieghu.

Pero, din il-Qorti hija tal-opinjoni li ghandha tiskarta dak kollu li l-imputat Difesa qal lill-Pulizija qabel l-interrogatorju u waqt l-investigazzjoni – ghaliex minn kif xehdu il-Pulizija, f'dak l-istadju f'mohhhom, l-imputat Difesa kien diga suspettat li kkommetta r-reati, u l-Pulizija mhux biss ma tahx id-dritt li jikkonsulta ma avukat, izda lanqas jirrizulta li tawh is-solitu twissija li ghandu d-dritt li jibqa' sieket u li ma jwiegeb ghall-ebda mistoqsija, sabiex ikun jista jezercita id-dritt fundamentali tieghu li jibqa' sieket.

*Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu dwar il-Htija tal-Imputat Joseph Difesa*

L-Espert Martin Bajada mahtur minn din il-Qorti ikkonkluda li d-disa (9) DVDs li gew elevati parti minghand Joseph Ebejer, u parti mill-vettura Peugeot, kienu kopji, u mhux originali.[2]

Mid-dokument ezebit mill-imputat Difesa stess waqt ix-xhieda tieghu, jirrizulta li hu kien ceda l-licenzja tat-tilar numru 107 fuq il-monti favur bintu Joan Difesa b'effett mit-3 ta' Frar 2005[3] – u cioe aktar minn sena qabel sehhet l-ispezzjoni in kwistjoni. Mix-xhieda ta' WPC 249 Maruska Debattista u minn dik ta' PS 839 Stephen Micallef, bl-ebda mod ma jirrizulta

[2] Ara fol. 103 *et seq.* tal-process.
[3] Ara fol. 137 *et seq.* tal-process.

sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li l-imputat Difesa b'xi mod, direttament jew indirettament, biegh lil Joseph Ebejer id-DVDs in kwistjoni.

Jekk verament – ghax anke x-xhieda ta' Ebejer hija vaga fir-rigward – Ebejer xtara dawn id-DVDs mit-tilar numru 107, dan xtrahom jew minghand Alan Debattista jew minghand Joan Difesa, li kienet ma Debattista wara t-tilar. Ebejer jinsisti li hu xtara dawn id-DVDs minghand mara, pero ma hux cert jekk din il-mara kienitx l-istess wahda wara t-tilar 107 – jghid li ma jiftakarx preciz mil-liema tilar xtrahom, peress li hu kien xtrahom minn fuq il-monti f'gurnata li kienet il-Hadd, u allura l-monti jkun armat St. James Ditch, l-Belt. u mar jipprova jibdilhom dak in-nhar li saret l-ispezzjoni mill-Pulizija, li kienet gurnata fost il-gimgha, u l-monti jkun armat Triq il-Merkanti, l-Belt. Fiz-zmien in kwistjoni, il-procedura kienet, li fil-waqt li fuq il-monti ta' nhar ta' Hadd, seta' imur ibiegh min irid, fuq il-monti ta' matul il-gimgha, il-bejjiegh ried ikun licenzjat u jinghata tilar b'numru partikolari.

WPC 249 xehdet li meta l-Pulizija intercettat lil Ebejer jaghti borza lil Debattista, l-imputat Difesa ma kienx wara it-tilar, izda hu kien magenbu. Min-naha l-ohra Difesa jghid li hu lanqas kien il-Belt dak il-hin, imma inzerta kien il-Furjana, u t-tifla cemplitlu biex jigi l-monti ghax kellhom spezzjoni mill-Pulizija. Frankament, din il-Qorti ma ssibx il-versjoni tal-imputat Difesa kredibbli. L-ewwelnett, jekk kif insista hu, ma kellu x'jaqsam xejn iktar mal-monti wara li ceda t-tilar lil bintu, bintu ma kellhix ghalfejn iccempillu meta kellhom l-ispezzjoni tal-Pulizija. Fit-tieni lok, huwa fizikament impossibbli li – anke jekk koincidenza li Difesa kien il-Furjana meta cemplitlu t-tifla – hu rnexxielu jidhol il-Belt daqshekk malajr, tant li lahaq lil PS 839 jitkellem ma' Ebejer.

Pero, jibqa' l-fatt li l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jwasslux ghall-konvinzjoni lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li Difesa kien b'xi mod involut – anke jekk indirettament - fil-bejgh tad-DVD's lil Ebejer, jew meta Ebejer mar biex jipprova jbiddel dawn id-DVDs.

Huwa vera li fil-vettura li indikalhom Difesa, il-Pulizija sabu tlett DVDs ohra mohbija fit-tapezzerija, li rrizultaw li huma kopji illegali, mill-provi jirrizulta li din il-vettura hija registrata fuq Godwin Difesa u ilha hekk registrata fuq ismu minn Lulju tal-1995.[4] Il-

[4] Ara fol. 63 tal-process.

Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda provi dwar x'konnessjoni hemm bejn Godwin Difesa u l-imputat, u lanqas ressqet provi dwar ghaliex l-imputat kien qed juza din il-vettura li mhix registrata f'ismu.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti biss, din il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Difesa sal-grad rikjest fil-kamp kriminali. In vista ta' dan, ikun ezercizzju akkademiku li din il-Qorti tinoltra ruhha fil-kwistjoni jekk ir-rekwiziti rikjesti mil-ligi sabiex jissussistu r-reati li bihom l-imputat Difesa hu akkuzat, gewx debitament ippruvati o meno.

*Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu dwar il-Htija tal-Imputat Raymond Sultana.*

Salv ghall-ircevuta fuq imsemmija, il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri huma intizi sabiex jippruvaw il-htija tal-imputat Difesa, u donnu l-imputat Sultana intesa. Hadd ma xehed di scienzia propria dwar ic-cirkostanzi kif gie elevat l-arch lever file minghand l-imputat Sultana, u l-Prosekuzzjoni lanqas tellghet lil PC 290 Paul Formosa biex jixhed dwar ic-cirkostanzi li fihom eleva dan l-archlever file.

Inoltre, il-Qorti tosserva li d-data fuq l-ircevuta hija 14 ta' Mejju 2006, u mhux 12 ta' Mejju 2006 – id-data li fiha l-Ufficjal Prosekutur xehed li saret l-ispezzjoni fuq it-tilar tal-imputat Sultana.

Dan nonostante, fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat Sultana, mhux biss ma ssolleva l-ebda wahda minn dawn l-affarijiet, imma ghamel sottomissjonijiet fit-tul fil-meritu tal-imputazzjonijiet.

B'analogija, il-Qorti tirreferi ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Emmanuel Buttigieg** deciza fl-4 ta' Novembru 1994 irriteniet illi:
*" .....wara l-introduzzjoni ta' l-inciz (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, li bih ic-citazzjoni ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikolaritajiet opportuni ta' zmien u l-lok, ic-citazzjoni ghadha mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini tal-*

*praticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe' biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti, ikun jaf fuq hiex ikun gie mharrek, u hekk dak in-nhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta. L-imputazzjoni fil-kawzi sommarji hija dedotta kontra l-imputat proprjament u verament quddiem il-Qorti, u mhux fic-citazzjoni."*

Fi kwistjoni analoga ghal dik odjerna, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Pulizija v. Leone Agius** deciza fit-23 ta' Gunju 2005:

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Martin Brincat**" [30.4.2003] fejn gie konsidrat aggravju simili u fejn ma gietx indikata bi precizjoni it-triq fejn gara l-kaz, skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka w ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw u l-importanti hu li bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-citazzjoni ikun bizzejjed biex l-appellant ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat. F' dik il-kawza l-aggravju kien gie respint ghaliex – bhal f' dan il-kaz - non si trattava ta' xi belt jew rahal b' xi ramifikazzjoni kapillari tat-toroq, pjazez jew sqaqien li setghu talvolta joholqu xi dubju dwar fejn seta gara l-incident li kien qed jigi akkuzat bih l-appellant. Kien intqal ukoll f' dik is-sentenza li konsidrat il-fatt li - bhal f' dan il-kaz - l-appellant kien gie imwaqqaf minn ufficjal pubbliku li kellmu dak il-hin, aktar u aktar l-appellant ma kellux fejn jitfixkel dwar fejn suppost gara l-fatt li kien qed jigi akkuzat bih."*

Fil-kaz odjern, l-imputat qatt ma lmenta li ma kienx jaf ghall-liema incident kellu jiddefendi ruhu. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li anki f'dan il-kaz, bhal fil-kazijiet appena citati, il-vot tal-ligi dwar ir-rekwiziti tac-citazzjoni gie sodisfatt u, jekk hemm zball fid-data tar-reati fic-citazzjoni – ghax jista' jkun li l-izball huwa fid-data tal-ircevuta - zgur li b'ebda mod ma seta' jinduci lill-imputat f'dubbju dwar x'hiex kien qed jigi akkuzat u dwar liema incident kien qed jiddefendi ruhu f'dan il-kaz. Fil-fatt, fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat jghid hekk: *"Fil-kaz ta' Raymond Sultana ... ... nafu illi kien qieghed hemmhekk u ex admissis li kien qieghed hemmhekk jarma ghal kummerc. Kien qieghed armat biex ibiegh. ... ... Issa f'dan il-kaz li qal l-Ispettur ma nistghux nikkontestawk. Dawn kien hemm photocopies tad-dokumenti originali ta' numru ta' DVD's, "*[5] Konsegwentement ghal kull buon fini, din il-Qorti tiddikjara li ma hemm l-ebda irritwalita fic-citazzjoni.

---

[5] Ara fol. 147 tal-process.

Mhux kontestat ghalhekk, li dan l-archlever file li gie elevat minghand l-imputat Sultana kien fih erba' u hamsin photocopy ta' DVD sleeves. Fit-trattazzjoni tieghu, l-Ufficjal Prosekutur jissottometti li dawn kienu intizi biex l-imputat jurihom lil xerrejja prospettivi, li jaghzlu liema DVD iridu, imbaghad l-imputat imur igib id-DVD riprodotta illegalment minn go xi karozza, ghax peress li l-Pulizija kienu jaghmlu spezzjonijiet ta' spiss, il-bejjiegha ma kienux ihallu d-DVD riprodotti illegalment fit-tilar taghhom. Pero, din hija biss ipotezi tal-Prosekuzzjoni, ghaliex mill-provi ma jirrizultax li nstabet DVD riprodotta illegalment fil-pussess tal-imputat Sultana.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza, li meta l-imputat ghamel il-photocopies, seta' kien qed jikkometti reat iehor taht l-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, li jipprotegi d-drittijiet tal-awtur, pero ma jistghax jinghad li ikkommetta reat taht l-Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 298, li skond il-*marginal note* tieghu jirregola l-qerq fil-kummerc u fl-industriji, jippreskrivi hekk:

*"Kull min -*

*(a) jiffalsifika jew ibiddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrja, ... ...*

*(ċ) jagħmel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; ... ...*

*(f) xjentement iqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, ibiegħ jew iżomm għandu għall-bejgħ jew jimporta għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbħin b'qerq; ... ...*

*jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena."*

Li jigu uzati fotokopji mhux reat taht l-Artikolu 298. Dan ghaliex fotokopja hija kopja fidila tal-original, u m'ghandha l-ebda marka, emblema jew sinjal imxebbah b'qerq, jew falsifikazzjoni tax-xoghol tal-awtur. Skond is-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni stess, dawn il-photocopies tad-DVD sleeves ma kienux intizi ghal bejgh, imma sabiex xerrejja prospettivi jaghzlu d-DVD li jixtiequ, u l-imputat ibieghlhom. Certament, li fin-nuqqas ta' sejba ta' DVDs kkuppjati fil-pussess tal-imputat Sultana, din il-Qorti ma tistghax tasal ghal konkluzjoni lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat Sultana, kien se jbiegh

lix-xerrejja tieghu li jaghzlu minn id-DVD li jridu minn fuq dan l-archlever file, DVD kkupjata, u mhux DVD originali.

Konsegwentement, ir-rekwisti rikjesti mill-Artikolu 298 sabiex jkun hemm ir-reat ta' qerq kummercjali ma giex debitament ippruvat mill-Prosekuzzjoni, fil-kaz tal-imputat Sultana.

Pero wiehed irid jara jekk l-imputat Sultana hux hati taht it-tieni imputazzjoni, u cioe tar-reat kontemplat fl-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, li jittratta ksur tad-drittijiet tal-awtur, u li jippreskrivi hekk:
*"(1) Kull min, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, jistampa, jimmanifattura, jidduplika jew mod iehor jirriproduci jew jikkopja, jew ibiegh, iqassam, jew mod iehor joffri ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha, jehel, meta jinsab hati … …*
*(2) Procedimenti taht dan l-artikolu ma jistghux jittiehdu hlief bil-kwerela tal-parti offiza."*

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat Sultana issottometta li l-Prosekuzzjoni ma gabietx prova tal-kwerela tal-parti offiza skond il-ligi, u rrifera ghall-insenjament fis-sentenza **Il-Pulizija vs Eugenio Frantz** deciza fl-24 t'April 2002, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[6] irriteniet hekk:
*"Il-kwistjoni f'dan il-kaz kienet kif ser issir il-prova li l-kwerelanti, imsemmija fil-kwerela li tidher a fol. 14, kienu verament il-"copyright owners" tat-tletin videos misjuba ghand l-appellat Eugenio Frantz, videos li, kif iddikjara l-istess Frantz (ara l-verbal a fol. 19) kienu kopji maghmula bi ksur tal-ligi tal-"copyright" u bi ksur tad-drittijiet tas-sidien tal-istess "copyright" (il-verbal, pero`, ma hux ammissjoni li l-kwerelanti kienu bhala fatt is-sidien ta' dak il-"copyright"). Fil-kwerela a fol. 14, li giet debitament konfermata mill-avukat Patrick Galea, ghalkemm hemm l-ismijiet ta' diversi kumpaniji esteri li jipproducu films, ma hemm ebda referenza ghall-ismijiet tal-films maqbuda mill-pulizija. Peress li l-proceduri taht l-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali jistghu jinbdew biss fuq il-kwerela "tal-parti offiza", trid issir il-prova mhux biss li hemm kwerela maghmula minn xi hadd, izda li dak ix-xi hadd huwa fil-fatt il-parti offiza.*

[6] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*F'dan il-kaz kien hemm mod semplici hafna kif setghet issir tali prova, u cioe` billi l-avukat Galea, bhala prokuratur specjali tal-kumpaniji esteri tal-films, jiddikjara bil-gurament, b'referenza ghal kull wiehed mill-films maqbuda, minn kien jew kienu il-"copyright owner/s". Tali prova kienet tkun prova prima facie ta' min ghandu d-drittijiet tal-awtur fir-rigward tal-film li jkun; u kien imbghad jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li ma kienx minnu li l-kumpanija li kien qed jirrapresenta l-prokuratur specjali kellha dak il-"copyright". Pero` f'dan il-kaz mhux hekk sar. Wara prokrastinazzjoni ta' xhur, l-imsemmi prokuratur specjali semplicement ezebixxa, fis-sens li qieghed quddiem l-ewwel qorti ghall-konsiderazzjoni taghha, diversi affidavits maghmula quddiem nutara pubblici fl-istat ta' California (fl-Istati Uniti) riferibbilment ghad-diversi films. Huwa veru li dawn l-affidavits huma ccertifikati, ghal dik li hi l-firma tan-"notary public", b'certifikat mahrug mid-"Deputy County Clerk, County of Los Angeles", u kull affidavit ghandu wkoll l-apostille tad-"Deputy Secretary of State, State of California". Pero` dawn id-dokumenti jibqghu, fin-natura taghhom, affidavits peress li n-nutar pubbliku fuq kull wiehed minn dawn id-dokumenti qieghed jagixxi semplicement ta' "commissioner for oaths" u mhux bhala r-ricevitur jew l-ezekutur ta' att nutarili fil-veru sens tal-kelma; ghalhekk dawn id-dokumenti ma jikkwalifikawx bhala "atti" jew "registri" ta' nutara pubblici ta' pajjizi barranin fis-sens tal-Artikolu 630 tal-Kap. 12 (rez applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-Artikolu 520(1)(b) tal-Kap. 9). Konsegwentement kienet korretta l-ewwel qorti meta skartat il-kontenut taghhom. Ghall-precizjoni ghandu jizdied jinghad li ma hux korrett dak li qed jikkontendi l-Avukat Generali, fil-brani tar-rikors ta' appell hawn aktar 'l fuq citati, li l-avukat Galea "ikkonferma l-affidavits" jew "xehed dwarhom"; kif jidher mid-deposizzjoni ta' l-istess avukat tal-21 ta' Novembru, 1995 (fol. 64 u 65 tal-atti), kull ma ghamel kien li semplicement ezibixxa l-affidavits bhala dokumenti. Jidher car li l-imsemmi avukat ried jaghmel il-prova permezz ta' dokumenti, flok ma jaghmel il-prova bid-deposizzjoni tieghu stess. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tirriskontra ebda enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi kif qed jipprospetta l-Avukat Generali fl-ewwel aggravju tieghu u fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni."*

Il-fatti specje ta' din is-sentenza ta' **Eugenio Frantz** jattaljaw perfettament ghall-fatti specje tal-kaz odjern, ghal dak li ghandu x'jaqsam il-provi dwar il-kwerela tal-parti offiza li ressqet il-Prosekuzzjoni fil-proceduri odjerni. Fil-fatt dawn il-provi huma identici ghal dawk li ressqet il-Prosekuzzjoni fil-kaz ta' **Eugenio Frantz**, u ghalhekk l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'din is-sentenza, japplika *mutatis mutandis* ghal fattispecje tal-kaz odjern.

Konsegwentement, din il-Qorti tista' tasal biss ghal konkluzjoni wahda, u cioe li Prosekuzzjoni ma ippruvatx sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li min ghamel il-kwerela kienu verament il-*copyright owners* tal-54 DVD sleeves, li l-fotokopji taghhom instabu fil-pussess tal-imputat.

Fid-dawl tas-suespost, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Sultana ma gewx debitament ippruvati.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, u qed tilliberahom minnhom.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**